MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Numru. 537/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Joseph Camilleri**

Kumpilazzjoni Nru: 537/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Camilleri, bin George u Josephine nee' Farrugia, imwieled il-Marsa fl-1 ta' Mejju, 1942 u residenti fil-fond numru 9, Triq l-Assunta, Marsa u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 264942(M).

Akkuzat talli fis-26 ta' Frar, 2009 ghal habta ta' 3.15pm ta' filghaxija gewwa Xatt il-Mollijiet, Marsa minghajr il-hsieb li

joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Abdullah Adam Mohammed ID 43059A, kif iccertifikat Dr.Karl Galea MD Reg. No 5133.

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Abdullah Adam Mohammed.
Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsdrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jikkoncerna incident li sehh f'bar il-Marsa vicin l-Open Centre. F'dan il-bar kien hemm kemm l-imputat u certu Abdullah Adam Mohammed; waqt li kienu qed jitkellmu qam disgwid bejniethom u gew f'l-idejn.

Illi ghandu jinghad li Abdullah Adam Mohammed ma tax id-depozizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri ghaliex l-unika darba li kien imharrek ma kienx hawn interpretu disponibbli; wara din l-okkazzjoni l-pulizija ma rnexxielhiex tirrintraccjah.

Illi l-uniku xhud okkulari kien certu Gaetano Vella li dak il-hin kien fil-bar ukoll. Dan jirrakkonta li ra lill-imputat fil-bar meta f'xi hin Mohammed ressaq fejn il-billiard table qabad l-istikka u beda jaghti biha lill-imputat; dan da parti tieghu ireagixxa billi tah daqqa ta ponn lil Mohammed u gew f'l-idejn.

Illi l-imputat, kif kellu dritt jaghmel, ma xehedx quddiem din il-Qorti pero ta l-verzjoni tieghu kemm lis-surgent li l-ewwel mar fuq il-post, u rrilaxxja stqarrija lill-Ispettur li investiga dan il-kaz. Fiz-zewg istanzi huwa ammetta li ta daqqa ta' ponn lil Mohammed pero qa ukoll li huwa ghamel hekk biex jiddefendi ruhu wara li Mohammed attakkah b'l-istikka.

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' offiza gravissima, sfregju gravi u permanenti, ai termini ta'l-artikolu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti pero l-Qorti jidher li kien Abdullah Adam Mohammed li l-ewwel agredixxa lill-imputat u li dan irreagixxa biss biex iddefenda ruhu.

Illi f'dan ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirrizulta pruvata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------